# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2229

**Kaz Nru 2882/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Maria Concetta Debono**

**u**

**Foster Clark Products Ltd.**
**(dwar tkeccija mill-impieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman :Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-Rikorrent Ms Maria Concetta Debono, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fil-25 ta' Frar, 2011. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz inkwestjoni, dehru r-Rikorrent li kienet assistita mill-Avukat Joanne Vella Cuschieri, u ghas-Socjeta' ntimata deher is-Sur Stephen Vella li kien assistit mill-Avukat Matthew Brincat.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz, ir-Rikorrent tghid li kienet impjegata fuq kuntratt indefenit mal-Kumpanija ntimata bhala operator u kienet ilha tahdem mas-socjeta ghal madwar tletin sena.**

**Hija tkompli tghid li fl-4 ta' Frar 2010, kienet sofriet injury fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk kienet ordnata li ma tmurx ghax-xoghol sakemm tirkupra. Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll li nhar it-3 ta' Frar 2011, fuq orndi tal-Bord Mediku tal-Gvern, gie konfermat li kienet f'pozizzjoni li tmur lura ghax-xoghol u ghalhekk hija prezentat ruhha fuq il-post tax-xoghol sabiex terga tibda b'xogholha. Hija tghid ukoll li ftit wara li dahlet, certu Steve Vella li huwa Direttur tar-Rizorsi Umani mar fuqha u qallha "int x'int taghmel l'hawn itlaqli l-barra". Hija tghid ukoll, li spjegatlu li l-Bord Mediku kien ta' struzzjonijiet biex tidhol lura ghax-xoghol u dan sa mill-31 ta' Jannar, 2011. Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li Steve Vella baqa jinsisti li ma riedx li hija tidhol lura ghax-xoghol tant, illi anki inghatat ittra li tikkonferma r-rifjut tal-Kumpanija li ddahhal lir-Rikorrent lura ghax-xoghol.**

**Fl'istqarrija taghha ir-Rikorrent tghid ukoll, li permezz ta' ittra datata 8 ta' Frar 2011, giet infurmata mis-Socjeta li l-impieg taghha kien qed jigi tterminat b'effett mit-8 ta' Frar 2011, u dan abbazi li hija ma kienitx f'kundizzjoni ta' sahha li tidhol lura ghax-xoghol. Ir-Rikorrent fl'istqarrija taghha tghid, li hi kienet tajba ghax-xoghol ghaliex kien il-Bord Mediku li ordna lilha li tidhol lura ghax-xoghol u dan sar qabel ma skada t-termini ta' sena injury kif regolat mill-ligi..**

**Ir-Rikorrent tghid ukoll, li kif jidher mid-dokumenti prezentati quddiem it-Tribunal Industrijali, kienet l-istess Kumpanija li hallset lir-rikorrent ghal perjodu oltre sena mill-Injury u ghalhekk jirrizulta li fil-fatt kienet accettat lir-rikorrenti lura ghax-xoghol.**

**Ir-Rikorrent tghalaq l-Istqarrija tal-Kaz taghha fejn titlob lit-Tribunal Industrijali jiddikkjara, li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha minn mal-Kumpanija intimata kienet wahda ngusta.**

**Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li r-rikorrent kienet impjegata mas-socjeta intimata biex tahdem bhala operator fuq kuntratt indefinit u gie tterminat l-impieg taghha fit-8 ta' Frar 2011.**

**Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li fl-4 ta' Frar 2010, kienet involuta f'incident fuq il-post tax-xoghol fejn zelqet fuq tracci ta' l-ilma, fejn kienet ghada kif giet mahsula l-art tal-fabbrika tas-Socjeta intimata. Is-Socjeta tkompli tghid, li r-rikorrent fit-3 ta' Frar 2011, gurnata qabel ma skada t-terminu ta' sena injury impost mill-ligi, ir-rikorrent qalet li kienet f'posizzjoni li tirritorna lura ghax-xoghol.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li fil-fatt ir-rikorrenti pprezentat ruhha ghax-xoghol fit-3 ta' Frar 2011, izda id-Direttur tar-Rizorsi Umani tas-Socjeta spjega lir-rikorrenti, li skond c-certifikat u e-email tat-tabib tas-socjeta, kif wkoll certifikat mit-tabib tar-rikorrenti Dr Frank Bartolo, is-socjeta ma setghetx taccetta r-rikjesta tar-rikorrenti biex terga lura ghax-xoghol. Is-Socjeta tghid ukoll, illi hija halset lir-rikorrenti ghal perjodu li hija kienet fuq injury leave.**

**Fl'istqarrija taghha is-socjeta tghid ukoll, li peress li kienet ghaddiet sena mid-data ta' l-incident u peress li t-tabib tas-socjeta kien informa lill-management, li r-rikorrenti kellha mill-anqas erba gimghat ohra sakemm forsi tkun tistgha tirritorna lura ghax-xoghol, is-socjeta ddecidiet li tittermina l-impieg tar-rikorrenti kif setghet taghmel skond l-ligi. Is-Socjeta tghid ukoll, li ghalhekk permezz ta' ittra mibghuta mid-Direttur tar-Rizorsi Umani Steve Vella, datata 8 ta' Frar 2011, ir-rikorrenti giet infurmata li l-impieg taghha kien qed jigi tterminat.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li mid-data ta' l-incident tal-4 ta' Frar 2010, u d-data tat-terminazzjoni kienet ghaddiet iktar minn sena u ghalhekk it-tkeccija tar-rikorrenti kienet maghmula ai termini ta' Artikolu 36(15) Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jinghad illi : "Kuntratt ta' servizz m'ghandux, hlief bil-kunsens ta' l-impjegat, jintemm mill-principal matul xi perjodu ta' inkapacita ghax-xoghol ta' l-impjegat kagunata b'korriment b'disgrazzja li tigri mill-impieg u waqt l-impieg jew minn xi mard li jigi mix-xoghol li huma specifikati fl-Att dwar is-Sigurta Socjali meta dan jigri fis-servizz ta' dak il-principal.**

**Izda –**

**OMISSIS**

**b) id-disposizzjonijet ta' dan is-subartikolu ma jkunux ighoddu wara l-ewwel tnax-il xahar ta' inkapacita skond il-kalendarju"**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li imxiet mal- Collective Agreement artikolu 20 li jghid " In the event of injury on duty, absence from work will be pemitted up to one year on full pay subject to the conditions contained in clause 19 (a). "In the case when the company exerts its right to send its own medical Doctor to visit the employee, the Company will advise the employee accordingly in order that the employee would be found at home or at an address, previously advised to the Company, where the employee would be visited.**

**If any injury is due to negligence on the part of the employee no wages will be paid by the Company for any absence necessitated by the injury".**

**Is-Socjeta tghalaq l-istqarrija taghha fejn tghid, illi barra min hekk, skond Artikolu 16 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti kellha l-obbligazzjoni li meta tispicca mill-injury leave, hija kellha titlob lil principal tas-Socjeta, bil-miktub, fi zmien sebat ijiem minn meta tispicca l-inkapacita tax-xoghol, li hi ha terga tidhol lura ghax-xoghol u mhux tmur ix-xoghol minghajr l-ebda preavviz. Is-Socjeta tghid ukoll, li ghalhekk in vista tal-remess, s-socjeta titlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara, li t-teminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond l-ligi.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti kienet tahdem bhala operater u kienet ilha fl'impieg mas-Socjeta ghal madwar tletin sena. Mill-provi jirrizulta wkoll, li fl'4 ta' Frar 2010, hija wegghet fuq il-post tax-xoghol u harget bl'injury leave. Mill-provi**

**jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti pprezentat certifikat Mediku datat 28 ta' Jannar 2010 (trid taqra 2011), mahrug minn Dr Frank Bartolo M.D. li jghid " The above mentioned will be fit for work within 2 weeks and should be able to lift weighty objects within 2-3 wks from taking up her duties". Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti giet ezaminata mit-tabib tas-Socjeta Dr David Grech, li hareg certifikat Mediku datat 31 ta' Jannar, 2011 li jghid " On the basis that the employee's duties involve the lifting and handling of heavy loads, I find the certificate contradictory. The employee is confirmed as unfit to execute her normal duties for at least 4 weeks from now". Mill-provi jirrizulta wkoll, li id-Divizjoni tas-Sigurta Socjali – Korriment fuq Xoghol (IB) harget dokumentazzjoni datata 1 ta' Frar 2011, indirizzata lir-rikorrenti li tghid " Qed niktiblek f'isem il-Bord tal-Korriment fuq ix-Xoghol biex navzak li l-Bord sabek tajba ghax-xoghol fil-31 ta' Jannar 2011". Mill-provi jirrizulta wkoll, li konsegwentament wara li ir-rikorrenti irceviet il-korrispondenza minghand il-Bord Mediku, hija irrapurtat ghax-xoghol fit-3 ta' Frar 2011 u jirrizulta, li hija bdiet tahdem fuq il-post tax-xoghol sakemm avvicinaha d-Direttur tar-Rizorsi Umani u minkejja li spjegatlu li dahlet lura ghax-xoghol fuq ordni tal-Bord Mediku, huwa xorta ordnalha biex thalli l-premises tas-Socjeta. Sussegwentement, is-Socjeta harget terminazzjoni ta' l-impieg lir-rikorrent datat 8 ta' Frar 2011 li tghid " We refer to the injury you sustained on duty on the 4th February 2010. This is to inform you that on the basis of the certificate you presented on the 27th January 2011, you are not in a position to resume your full duties. Due to the forgoing the Company has decided to exercise its option and to terminate your employment in accordance with the law and the Collective agreement in force, due to health reasons. Your last day in employment shall be considered today the 8th February 2011, and all monetary adjustments will be included with your last wages". Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-Socjeta qalet quddiem it-Tribunal Industrijali, li meta hadet id-decizjoni li tittermina l-impieg tar-rikorrenti, hija ma kellhix fil-pussess taghha id-decizjoni tal-Bord Mediku datat 1 ta' Frar 2011, li sab lir-rikorrenti li kient tajba ghax-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-Kaz, u l-ewwel ma jikkunsidra huwa, li r-rikorrenti kienet ilha fl'impieg ghal madwar tletin sena. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li matul il-provi ma jirrizultalux li r-rikorrenti kellha xi kazi ta' dixxiplina matul il-hajja ta' l-impieg taghha mas-Socjeta intimata. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li r-rikorrenti wegghet fuq il-post tax-xoghol u r-rimarka li ghamlet is-socjeta li hija dahlet ghax-xoghol gurnata qabel ma ghaddiet sena mill-injury, din ir-rimarka hija irrelvanti ghat-Tribunal Industrijali u dan ghar-raguni, li ir-rikorrenti dahlet ghax-xoghol meta giet awtorizzata li tidhol ghax-xoghol mill-Bord tal-Korrimenti tad-Divizjoni tas-Sigurta Socjali. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, ic-certifikati mahruga mit-tobba Dr Frank Bartolo li hu t-tabib tar-rikorrenti u tat-tabib Dr David Grech li hu t-tabib tas-socjeta intimata, fejn hargu certifikati datati 28 ta' Jannar u 31 ta' Jannar rispettivament. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra li ta' l-ewwel jghid, li se tkun tajba ghax-xoghol fi zmien gimghatejn u se tkun tistgha terfa oggetti ta' certu piz fi zmien 2-3 gimghat u ic-certifikat l-iehor tat-tabib tas-socjeta jghid, li kellhom jghaddu xi erba gimghat ohra biex tkun tistgha tghaqdi d-doveri tax-xoghol taghha b'modd normali. Dawr dawn ic-certifikati t-Tribunal Industrijali jirrizultalu, li z-zewg tobba qed jaqblu li fi zmien qasir u defenit ir-rikorrenti se tkun tajba li tghaqdi d-doveri tax-xoghol taghha b'modd normali. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-Bord tal-Korrimenti tad-Divizjoni tas-Sigurta Socjali, permezz ta' dokument datat 1 ta' Frar 2011, informa wkoll lir-rikorrenti li kien sabha tajba ghax-xoghol fil-31 ta' Jannar 2011, u minkejja c-certifikati precidenti msemmija hawn fuq, fejn it-tobba privati ccertifikaw li kienet se tkun tajba ghax xoghol minn perjodu li jvarjaw bejn 2 – 4 gimghat, ir-rikorrenti segwiet l-ordni tal-Bord tal-Korrimenti tad-Divizjoni tas-Sigurta Socjali u dahlet ghax-xoghol fit-3 ta' Frar 2011 u hadmet b'modd normli u minghajr ebda kundizzjonijiet.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fid-dikjarazzjoni tal-kaz tas-Socjeta ghamlet riferenza ghall-Artikolu 36 (16) Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tghid "li r-rikorrenti kellha l-obbligazjoni li meta tispicca mill-injury leave kellha titlob lil**

**principal tas-Socjeta bil-miktub, fi zmien sebat ijiem minn meta tispicca l-inkapacita tax-xoghol li hi ha terga tidhol lura ghax-xoghol u mhux tmur x-xoghol minghajr l-ebda avviz ". F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali ezamina dan l-artikolu 36 (16) Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u jsib li dan l-artiklu jghid "Meta tispicca l-inkapacita ghax-xoghol imsemmija fl-ahhar sub artikolu qabel dan il-principal ghandu, fi zmien wiehed u ghoxrin jum minn talba maghmula mill-impjegat, jerga jdahhal l-impjegat fl'impieg tieghu ta' qabel jew, jekk il-korriment jew marda jkun giebu inkapacita li minhabba fiha l-impjegat ma jkunx tajjeb ghall-impieg ta' qabel f'impieg iehor xieraq. Izda t-talba tal-impjegat biex jerga jigi impjegat ghandha ssir bil-miktub fi zmien sebat ijiem minn meta tispicca l-inkapacita ghax-xoghol". Invista ta' dan l-Artikolu tal-Ligi, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-fatti segwenti ta' kif issucceda l-Kaz inkwestjoni, fejn mill-provi li deheru quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizultalu, li r-rikorrenti dahlet ghax-xoghol minghajr ebda kundizzjoni kif giet ordnata mill-Bord Mediku, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ir-rikorrenti nzammet mis-Socjeta u hadmet b'modd normali ghal numru ta' sieghat fuq il-post tax-xoghol u dan sakemm induna biha id-Direttur tar-Rizorsi Umani, fejn minkejja li qaltlu li giet ordnata biex tidhol ghax-xoghol mill-Bord Mediku, xorta wahda ordnalha biex tohrog il-barra mill-premises tas-Socjeta. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll f'dawn il-kunsiderazzjonijiet l-istqarrija li ghamlet is-Socjeta, li tghid li ma kellix dokumentazzjoni li l-Bord Mediku kien awtorizza lir-rikorrenti biex tidhol lura ghax-xoghol u hawnhekk it-Tribunal Industrijali jirrimarka, li ghalkemm forsi d-Direttur tar-Rizorsi umani setgha bghat il-barra lir-rikorrenti bhala prekwazzjoni pero, ma kien izommu xejn li wara kien jivverifika l-istqarrija li ghamlet ir-rikorrenti, li kienet giet ordnata mill-Bord Mediku biex tidhol lura ghax-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali jqies li dan in-nuqqas ta' verifikazzjoni kien nuqqas serju minn naha tas-Socjeta u li kieku ivverifikat id-Decizjoni tal-Bord Mediku kienet tkun f'qaghda ahjar biex tasal ghal decizjoni f'dan il-Kaz inkwestjoni.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, id-dikjarazzjoni li ghamlet is-socjeta fejn citat parti mill-ligi, jigifieri Artikolu 36 (16) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tghid li " li ir-rikorrenti kellha titlob lil principal tas-Socjeta intimata bil-miktub, fi zmien sebat ijiem minn meta tispicca l-inkapacita tax-xoghol li hi ha terga tidhol lura ghax-xoghol u mhux tmur ix-xoghol minghajr preavviz" It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tieghu ta' dan l-artikolu tal-ligi jikkunsidra l-aspett kollu ta' dan il-Kaz inkwestjoni u invista tac-cirkostanzi kollha tal-Kaz, dan it-Tribunal Industrijali hu tal-fehema, li meta ir-rikorrenti pprezentat ruha ghax-xoghol u giet accettata li tahdem, l-istess Socjeta kienet accettat lir-rikorrenti tidhol lura ghax-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li qabel ma s-Socjeta tterminat l-impieg tar-rikorrenti fit-8 ta' Frar 2011, kellha tezamina aktar dan il-Kaz bir-reqqa u fost affarijiet ohra kellha tivverifika l-ordni tal-Bord tal-Korrimenti tad-Divizjoni tas-Sigurta Socjali, fejn ordnat lir-rikorrenti biex tidhol ghax-xoghol fil-31 ta' Jannar 2011. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehema, li s-Socjeta naqset meta ma ivverifikatx il-verzjoni ta' l-impjegat. Ma dan, it-Tribunal Industrijali josserva wkoll, li is-socjeta naqset li tikkunsidra l'obbligi taghha, li jekk fl'eventwalita impjegat ma jkunx tajjeb ghall-impieg ta' qabel, jigi kkunsidrat jekk jistghax jigi moghti impieg iehor xieraq, liema obbligi johrogru mill-artikolu 36 (16) Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan it-Tribunal Industrijali hu tal-fehema, li dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha kellhom jigu mittiehda mis-Socjeta, u dan specjalment meta kienet qed tittratta ma haddiem li kien ta' lis-Socjeta tletin sena servizz.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzzjoni, li it-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni, ir-rikorrenti ghandha terga tigi moghtija l-**

**impieg lura, kif ukoll is-Socjeta thallas lir-Rikorrenti l-paga bazika ta' kemm ilha barra mill-impieg.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet, ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' l-1986, jistabillixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**Ghas-Segretarju**

**Illum : 4 ta' Gunju, 2013**